**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 169/11VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 22 ta' Mejju 2018**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà XXXfid-9 ta' Gunju 2011, permezz ta' liema titlob li t-Tribunal: (i) jiddikjara li d-decizjoni mehuda mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond l-Avviz ta' Rifjut ta' Oggezzjoni datat 9 ta' Mejju 2011, hija zbaljata stante li hija bbazata fuq stima skorretta w insostenibbli u apprezzament zbaljat tal-fatti; (ii) jikkancella, ihassar u jirrevoka l-istima riveduta ghas-sena ta' stima 1998 u biex b'hekk hija ma ghandha thallas ebda taxxa jew penali; (iii) fin-nuqqas, jiddikjara li l-ammont pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi huwa eccessiv u jiffissa stima riveduta mnaqqsa ghas-sena ta' stima 1998 fl-ammont li jidhirlu xieraq u gust bhala li huwa minnha dovut; bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti mid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni u mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront taghha ghas-sena ta' stima 1998 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghha, u minflok l-imsemmija decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni u Likwidazzjoni ta' Taxxa jigu kkonfermati stante li l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "KTIA" sa' Dok. "KTIO" a fol. 13 sa' 39 tal-process;

Ra l-affidavit ta' Mario Agius, Direttur tas-socjetà Rikorrenti, u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "1"[1], sema' x-xhieda ta' Godwin Falzon moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2012[2] u x-xhieda ta' Mario Agius moghtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Gunju 2013[3], ta' l-14 ta' Ottubru 2013[4] u ta' l-14 ta' Novembru 2013[5] u ra d-dokumenti esebiti

[1] Fol. 55 sa' 60 tal-process.
[2] Fol. 65 sa' 69 tal-process.
[3] Fol. 89 sa' 97 tal-process.
[4] Fol. 134 sa' 137 tal-process.

minnu markati Dok. "MA1" u Dok. "MA2" a fol. 314 sa' 321 tal-process, ra d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni waqt is-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2013 markati Dok. "A1" sa' Dok. "B2" a fol. 72 sa' 88 tal-process, ra l-affidavit ta' George Borg in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "GB2" sa' Dok. "GB4" a fol. 99 sa' 126 tal-process, sema' x-xhieda ta' George Borg in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) moghtija waqt is-seduti ta' l-14 ta' Novembru 2013[6] u tal-21 ta' Marzu 2014[7] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GB1" sa' Dok. "GB17" a fol. 139 sa' 313 tal-process, ra d-dokument esebit minn Dr. Larry Gauci waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2014 markat Dok. "PA1" a fol. 473 tal-process u ra d-dokumenti markati Dok. "GB1" sa' Dok. "GB45" esebiti mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) permezz ta' Nota pprezentata fit-3 ta' Frar 2014 a fol. 342 sa' 471 tal-process, ra d-dokumenti esebiti mis-socjetà Rikorrenti permezz ta' Nota ipprezentata fid-9 ta' Mejju 2014 a fol. 480 sa' 518 tal-process u ra d-dokument markat Dok. "PA1" esebit mis-socjetà Rikorrenti peremzz ta' Nota wkoll ipprezentata fid-9 ta' Mejju 2014 a fol. 519 u 520 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti a fol. 543 sa' 549 tal-process u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 557 sa' 565 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tikkontesta decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni u Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u permezz ta' liema qed tigi mitluba thallas is-somma ta' Lm19,195.00[8], ekwivalenti ghal €44,712.32, rapprezentanti taxxa minnha dovuta ghal dik is-sena ta' stima. Is-socjetà Rikorrenti titlob li l-imsemmija decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni u Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 jigu: (a) in kwantu ghad-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni - dikjarata zbaljata stante li hija bbazata fuq stima skorretta u insostenibbli w apprezzament zbaljat tal-fatti; u (b) in kwantu ghall-Likwidazzjoni ta' Taxxa kkancellata, imhassra u revokata biex b'hekk jigi li hija ma ghandha thallas l-ebda taxxa jew penali, jew (c) alternattivament, jiddikjara li l-ammont pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa eccessiv u minflok jiffissa stima riveduta mnaqqsa ghas-sena ta' stima 1998 f'ammont li jidhirlu xieraq u gust bhala dovut minnha.

Is-socjetà Rikorrenti tibbaza l-appell taghha fuq is-segwenti aggravji: (i) kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn fir-Rifjut ta' Oggezzjoni jghid *the Company's trading activity comprised two line of business ... rock cutting/excavation works and trading in property"*, l-avvjament principali u ewlieni taghha kien dak ta' *rock cutting/excavation works* u ghaldaqstant kienet intitolata ghall-beneficcji kontemplati fl-Industrial Development Act, 1988. Il-bejgh ta' proprjetà fis-sena bazi 1997 kien minimu ghall-ahhar u okkazjonali u b'hekk zgur ma ghandux jigi kkunsidrat bhala *a line of business* differenti mill-avvjament ewlieni taghha; (ii) il-profitt taghha derivanti mill-attivita principali taghha, ossia *rock cutting/excavation works* ghas-sena ta' stima 1998 kien ta' Lm40,322 filwaqt li il-profit registrat mill-bejgh ta' proprjetà ghal dik l-istess sena

---

[5] Fol. 327 sa' 340 tal-process.
[6] Fol. 322 sa' 326 tal-process.
[7] Fol. 474 sa' 479 tal-process.
[8] Dok. "KTI K1" a fol. 29 tal-process

ta' stima kien ta' Lm3,000. Din id-diskrepanza enormi tipprova li l-avvjament principali w ewlieni taghha kien ta' *rock cutting/excavation works*; (iii) bhal kull socjetà kummercjali ohra, fit-tmexxija ta' l-avvjament taghha tidhol ghal xi operazzjonijiet kummercjali sussidjarji li, filwaqt li jkunu sanzjonati mill-Objects Clause tas-socjetà, ma jkunux jinkwadraw ruhhom bhala operazzjonijiet purament u strettament principali taghha bhal fil-kaz in kwistjoni u b'hekk ma jfissirx li s-socjetà kummercjali tkun qed tezercita jew tmexxi negozju materjalment differenti u/jew f'settur differenti minn dak li ghalih tkun giet principalment kostitwita; (iv) jekk kellu jigi argumentat li socjetà kummercjali ghandha tidhol ghal dak in-negozju biss li ghalih tkun giet principalment imwaqqfa, allura ma jkunx hemm bzonn li wiehed jindika fl-istatut tas-socjetà kummercjali dawk l-attivitajiet l-ohra li tista' tezercita b'mod sussidjarju u ta' sostenn ghall-ezercizzju shih ta' l-attività principali taghha u li ghaliha tkun giet kostitwita.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti mid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni u mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 mahruga fil-konfront taghha u jitlob li l-istess jigi michud u minflok l-imsemmija decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni u Likwidazzjoni ta' Taxxa jigu kkonfermati stante li l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Il-Kummissarju jikkontendi li ghall-finijiet tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998, ma kien hemm l-ebda problema fir-rigward tad-dhul minn negozju kif dikjarat mis-socjetà Rikorrenti. Il-problema kienet u ghadha tittratta dwar l-ammont ta' Capital Allowances mitluba bhala deduzzjoni mid-dhul dikjarabbli ghat-taxxa. Is-socjetà Rikorrenti talbet ammont komplessiv ta' Lm64,989 (ekwivalenti ghal €151,384) bhala Capital Allowances, konsistenti fis-somma ta' Lm20,835 (ekwivalenti ghal €48,532) bhala Investment Allowance, fis-somma ta' Lm31,886 (ekwivalenti ghal €74,274) bhala Accelerated Depriciation u fis-somma ta' Lm12,268 (ekwivalenti ghal €28,577). Peress illi skont il-Kummissarju tat-Taxxi Interni s-socjetà Rikorrenti ma kenitx tissodisfa l-kundizzjonijiet mitluba mill-Att dwar l-Izvilupp Industrijali, 1988, senjatament ta' l-Artikolu 3 ta' l-Att, u dana billi skontu ghas-sena ta' stima 1998 is-socjetà Rikorrenti kellha zewg attivitajiet kummercjali ghaddejjin - dik ta' qtugh ta' blat /eskavar ta' l-art u dik ta' xiri u bejgh ta' proprjetà, huwa ma accettax it-talba tas-socjetà Rikorrenti rigward Capital Allowances u ikkonceda biss l-ammont ta' Lm37,463 (ekwivalenti ghal €87,265), ossia Lm27,526 (ekwivalenti ghal €64,118) inqas minn dak mitlub mis-socjetà Rikorrenti. Fi kwalunkwe kaz, anke kieku s-socjetà Rikorrenti kellha titqies li tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Izvilupp Industrijali, l-Artikolu 8 ta' l-imsemmi Att jipprovdi li ghal deprezzament mghaggel fuq Impjant u Makkinarju bir-rata ta' 33.33% fis-sena u Bini u Struttura bir-rata ta' 5% fis-sena u mhux fuq Motor Vehicles, Furniture and Fittings, Office Equipment u Computer Equipment, kif invece mitlub mis-socjetà Rikorrenti.

Il-qofol tal-proceduri in ezami jikkonsisti fl-interpretazzjoni korretta tal-provvedimenti ta' l-Att dwar l-Izvilupp Industriajli, 1988, u b'mod partikolari tal-provvediment stipulat fl-Artikolu 3 ta' l-imsemmi Att, **u** fl-interpretazzjoni legali korretta f'ambitu fiskali tax-xiri u bejgh ta' proprjetà esegwit mis-socjetà Rikorrenti tul is-snin u b'enfasi partikolari fuq is-sena bazi 1997. Hija biss l-interpretazzjoni korretta ta' dawn iz-zewg elementi li twassal ghall-konkluzzjoni dwar jekk hijiex korretta o meno d-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dwar jekk hijiex eccessiva o meno il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 mahruga fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti.

L-Artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Izvilupp Industrijali - illum sostwit bl-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji, Kap. 325 tal-Ligijiet ta' Malta - kien jipprovdi li: *bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 24 ta' dan l-Att, l-incentivi u l-beneficcji mahsubin b'dan l-*

*Att huma dovuti biss lil, u jistghu jittiehdu biss minn, kumpannija li tmexxi jew tezercita jew li ghandha hsieb li tmexxi jew tezercita f'Malta xi kummerc jew negozju li jikkonsisti biss fi: (a) il-produzzjoni, manifattura, titjib, immuntar, processar, tiswija, preservar jew manteniment ta' kwalunkwe oggett, materjal, komodità (inkluz computer software), taghmir, impjant jew makkinjaru; jew (b) l-ghoti ta' servizz ta' natura industrijali li jkun jixbah l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, inkluz it-tiswija, manteniment, thaddim, installar, spezzjoni jew prova ta' impjant, makkinarju jew taghmir…* Ghalkemm dan il-provvediment tal-Ligi jsemmi attivitajiet ohra, huma l-attivitajiet imsemmija taht is-subparagrafi (a) u (b) li huma l-iktar ta' rilevanza ghall-proceduri odjerni.

Minn qari ta' dan l-Artikolu tal-Ligi, b'attenzjoni partikolari ghall-uzu da parte tal-Legislatur tal-frazi ***l-incentivi u l-beneficcji mahsubin b'dan l-Att huma dovuti biss lil, u jistghu jittiehdu biss minn, kumpannija li tmexxi jew tezercita jew li ghandha hsieb li tmexxi jew tezercita f'Malta xi kummerc jew negozju li jikkonsisti <u>biss</u>***[9], jirrizulta immedjatament evidenti li l-provvedimenti ta' l-Att in kwistjoni japplikaw esklussivament u limitatament ghal dawk il-kumpanniji li jezercitaw jew bi hsiebhom jezercitaw f'Malta negozju wiehed **biss u uniku** u li dan ikun wiehed min-negozji elenkati fl-imsemmi Artikolu. Dan ifisser ghalhekk li l-pretensjoni u konsegwenti sottomissjoni tas-socjetà Rikorrenti li hija ghandha titqies li tiggestixxi bhala attività principali taghha dik ta' *rock cutting/excavation works* u mhux ukoll dik ta' xiri u bejgh ta' proprjetà minhabba d-differenza non che divergenza bejn il-profitti generati minn wiehed u minn l-iehor, hija legalment u guridikament zbaljata jekk mhux addirittura rrelevanti.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha s-socjetà Rikorrenti tissottometti li: *is-socjetà appellanti ma taqbilx ma' l-istima tal-Kummissarju in kwantu din hija bazata fuq assunzjoni infondata u skorretta. Dan ghaliex l-attivita tas-socjetà appellanti kien dejjem wiehed, ossia dak ta' skavar u tqattiegh ta' blat. Hija sostniet, u ghadha sa' illum issosstni, illi l-fatt li kienet involuta f'transazzjonijiet immobiljari sporadici, fuq art wahda, ma jfissirx li assumiet rwol iehor, specjalment meta kienet u baqghet topera fil-qasam imsemmi (skavar u tqattiegh ta' blat). Di più hija spjegat u ppruvat illi dawn it-transazzjonijiet kienu fil-fatt kollha kemm huma marbuta ma' l-attività taghha… Ghalhekk is-socjetà esponenti ssostni illi ma tbiddel xejn materjali u li ghalhekk nonostante l-ftit transazzjonijiet immobiljari, hija baqghet attiva esklussivament fil-qasam ta' skavar u tqattiegh ta' blat, u bhala tali kellha tkompli tgawdi mill-beneficcji ta' l-IDA. Konsegwentement l-istima li l-Kummissarju hareg ghas-sena ta' stima 1998, fuq il-pretiza skorretta li s-socjetà ma baqghetx aktar eligibbli biex tgawdi taht l-IDA hija infondata u ghandha tigi respinta. Illi huwa bizzejjed li wiehed jara* ***l-figuri rizultanti mill-accounts tas-socjetà appellanti minn fejn jirrizulta li ghas-sena in kwistjoni (Y/A 1998) gie registrat operating profit mill-attività principali, ossia l-unika attività tas-socjetà appellanti ta' oltre Lm40,000. Min-naha l-ohra l-istess accounts juru profitt ta' ftit aktar minn Lm3,000 mill-bejgh ta' proprjetà. <u>Tispikka mill-ewwel id-diskrepanza fl-introjtu. Id-differenza enormi bejn dawn iz-zewg sorsi ta' dhul ma jhalli l-ebda dubju dwar x'jikkostitwixxi l-attività ewlenija tas-socjetà</u>***[10]*. Tassew li dan juri li l-unika attività li tiggestixxi s-socjetà hija, kif dejjem irriteniet, skavar u tqattiegh ta' blat, u li ghalhekk il-konkluzjoni tal-Kummissarju intimat li s-socjetà ghandha line of business iehor, hija ghal kollox arbitrarja, infondata u inveritjiera. Illi ftit transazzjonijiet ta'*

[9] Enfasi u sottolinear tat-Tribunal.
[10] Enfasi u sottolinear tat-Tribunal.

*bejgh wahedhom ma jammontawx ghal line of business kif inghad fuq, u prova ta' dan huwa l-profitt generat kif mqabbel mal-profitt generat mill-attività proprja*[11].

Fl-Artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Izvilupp Industrijali, in partikolari bl-uzu tal-kelma **biss**, il-Legislatur ma jikkontemplax sitwazzjoni fejn socjetà kummercjali jista' ghandha negozju principali jew ewlieni u negozju sussidjarju jew sekondarju izda jikkontempla biss u esklussivament sitwazzjoni fejn socjetà kummercjali ghandha biss negozju wiehed u uniku minghajr l-ebda negozju iehor, zghir kemm hu/jista' jkun zghir tali negozju. B'hekk irrispettivament mid-diskrepanza bejn l-introjtu min-negozju ta' skavar u tqattiegh ta' blat u l-introjtu mill-bejgh ta' proprjetà relattivament ghas-sena ta' stima 1998, kemm-il darba jirrizulta li l-bejgh ta' proprjetà esegwit mis-socjetà Rikorrenti jikkostitwixxi negozju/attività kummercjali, allura jsegwi li kif gustament konstatat u konkluz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni s-socjetà Rikorrenti ma kenitx tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Izvilupp Industrijali 1988 u konsegwentement ma setghetx tibbenefika mill-incentivi u beneficcji kontemplati fl-imsemmi Att.

Mill-provi prodotti u senjatament mill-affidavit u xhieda ta' Mario Agius[12], Direttur tas-socjetà Rikorrenti, jirrizulta li s-socjetà Rikorrenti twaqqfet fl-1981 u n-negozju li ghalih twaqqfet kien ta' skavar u tqattiegh ta' blat. Is-socjetà kienet topera minn gewwa Triq Santu Rokku, Haz-Zebbug, li hija zona residenzjali. Fl-1987 is-socjetà Rikorrenti akkwistat bicca art f'Haz-Zebbug barra miz-zona residenzjali, ossia fi Triq l-Imdina, Haz-Zebbug, u bdiet topera parti min-negozju taghha minn din l-art. Fl-1990 is-socjetà Rikorrenti gietha opportunità tixtri art ohra f'Tal-Mejtar, Haz-Zebbug, u bhala fatt akkwistat din l-art fl-1991. Fl-1992 is-socjetà Rikorrenti saret taf li f'dik iz-zona kienet se tinbena triq principali, ossia l-By-Pass ta' Haz-Zebbug, u iz-zona cirkodanti kienet ser issir zona residenzjali. Mario Agius jikkontendi li fuq din l-art f'Tal-Mejtar kien intiz li jsir ic-centru gdid minn fejn kien se jigi operat in-negozju tas-socjetà Rikorrenti u dana billi l-operazzjoni minn Triq Santu Rokku kienet qed tohloq inkonvenjent lir-residenti ta' dik iz-zona u l-art fi Triq l-Imdina, Haz-Zebbug, ghad illi f'zona mhux residenzjali ma kenitx kbira bizzejjed biex topera ghal kollox minn hemmhekk. Fid-dawl tal-fatt li fejn l-art f'Tal-Mejtar kien ser jinbena l-By-Pass ta' Haz-Zebbug u dik iz-zona kienet ser issir zona residenzjali l-unika alternattiva kienet li l-art tinbiegh u bil-flus li s-socjetà ddahhal minn tali bejgh, takkwista art ohra minn fejn effettivament setghet tkompli topera n-negozju taghha.

Mill-permessi esebiti mis-socjetà Rikorrenti[13] jirrizulta li già fl-1990, senjatament fis-16 ta' April 1990, is-socjetà Rikorrenti applikat mal-PAPB sabiex tottjeni permess *to erect terraced house and garage for private cars*, liema permess inhareg fil-25 ta' Ottubru 1990[14]. Fl-1992 is-socjetà Rikorrenti regghet applikat ma' l-Awtorità ta' l-Ippjanar sabiex tottjeni permessi *to erect dwelling and garage for private cars, and for parking and storage of vehicles,* liema permessi nhargu fis-27 ta' Awwissu 1993[15], fit-28 ta' Awwissu 1993[16] u fil-25 ta' Settembru 1993[17]. Fl-1995 is-socjetà Rikorrenti regghet applikat ma' l-Awtorità ta' l-Ippjanar sabiex tottjeni permessi relattivament ghal *Site at Plot 7, Triq Mikielang Sapiano, Zebbug (Malta), to construct entrance at ground floor and flats on three floors*, liema permess inhareg fit-28 ta' Novembru 1995[18] u fl-1997 applikat ma' l-Awtorità ta' l-Ippjanar sabiex relattivament ghal Plot 7 & 8, Triq Mikiel Angelo Sapiano,

[11] Para. 3 sa' 5 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti, fol. 544 u 545 tal-process.
[12] Fol. 56 sa' 58 tal-process u fol. 89 sa' 97 tal-process.
[13] Fol. 480 sa' 520 tal-process.
[14] Fol. 511 sa' 515 tal-process.
[15] Fol. 501 sa' 510 tal-process.
[16] Fol. 487 sa' 494 tal-process.
[17] Fol. 495 sa' 500 tal-process.
[18] Fol. 481 sa' 486 tal-process.

Zebbug (Malta), jkun hemm sanzjonar ta' *changes between approved drawings and building as erected*, liema permess inhareg fis-27 ta' Lulju 1998[19]. Is-socjetà Rikorrenti effettivament zviluppat l-art f'Tal-Mejtar u bejn l-1994 u l-2004 bieghet id-diversi *units* minnha zviluppati fuq din l-art hekk kif jirrizulta mill-kuntratti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 343 sa' 471 tal-process.

Dwar dawn it-trasferimenti ta' proprjetà, fl-istadju ta' oggezzjoni s-socjetà Rikorrenti ggustifikat l-istess bl-affermazzjoni li *it is not true that as claimed by your letter, the company at any time dealt in immovable property. Due to the nature of operations of the company, the company was put in a position whereby it had to accept immovable property as repayments of amounts due to it by its debtors, which immovable property had to be sold to obtain liquidity. The immovable property which was acquired by the company was always acquired from its debtors in settlement of amounts due by such debtors, rather than for speculative intentions. …*[20]. Nonostante dak affermat minn Josef Mercieca ta' HLB Professional Services Limited fl-ittra ta' oggezzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi Intenri, Godwin Falzon[21], awditur tas-socjetà Rikorrenti, in risposta ghall-mistoqsija *tista' forsi wkoll tispjegalna jekk barra dawn l-attivitajiet* (ossia skavar/tqattiegh ta' blat) *kienx hemm b'xi mod sussidjarju jew le xi attivitajiet ohra fil-kumpanija, kienux isiru xi attivitajiet ohra?* wiegeb *dawn le, dawn kienu u li huma attivitajiet u li minn dejjem kienu l-attivitajiet principali, l-iktar li kien hemm, kien hemm xi minn daqqiet imma kienu affarijiet zghar a proporzjon man-negozju, fejn huma xtraw proprjetà bi skop li juzawha ghan-negozju. Il-bqija li kien hemm sa' fejn naf jien forsi l-aktar l-aktar bieghu xi proprjetà ghall-finijiet li b'dawk il-flus huma jinvestu u jkomplu fin-negozju, imma qatt ma kienu f'dik is-sitwazzjoni fejn joqghodu jixtru u jbieghu proprjetà biex jispekolaw* u ma semma xejn dwar hlas ta' krediti tas-socjetà Rikorrenti da parte tad-debituri taghha. Fir-rigward Mario Agius, Direttur tas-socjetà Rikorrenti, in risposta ghall-mistoqsija *fir-rigward ta' ammonti li kellha tircievi minghand klijenti taghha, il-kumpanija qatt irceviet proprjetà a saldu ta' l-ammonti dovuti?* wiegeb *konna rcevejna l-plottijiet ta' San Gwakkin. Dak kellna kreditur certu Carmelo Pena u ma kienx hallasna u domna nistennew hafna w imbaghad fl-ahhar kien tana tlett plottijiet hemmhekk li kienet ghadha kollha raba. … art wahda bi tlett plottijiet*. In risposta ghall-mistoqsija *qatt thallastu b'art ghal xi xoghol iehor?* Mario Agius wiegeb *le* u ghall-mistoqsija ulterjuri *din l-unika darba?* wiegeb *l-unika darba*[22].

Waqt ix-xhieda moghtija fis-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2013[23], Mario Agius iggustifika t-trasferimenti da parte tas-socjetà Rikorrenti bil-mod segwenti: *kelli art wahda, min jitrejdja fil-proprjetà jkollu hafna proprjetà ghax inkella jmut, biex jitredja fil-prorpjetà mhux ikollu art wahda jizviluppaha fi plots u jbieghha, f'erba' plots dan imma minn dik jien xtrajt il-fabbrika li ghandi llum, mhux krejtha minghand il-Gvern jew hadtha minghand il-Gvern. Dawk il-flus li dahhalt minn dik il-proprjetà ghax gietni fil-bini, dik ridt nopera negozju ta' storbju u li jdejjaq lin-nies, ma stajtx nopera minn gon-nies, issa dik il-proprjetà li kienet taghna zviluppajtha u minn dak il-bejgh li ghamilt xtrajt fabbrika fejn illum inhaddem erbghin ruh jien. L-art taghna la nhallas cens lill-Gvern, la hadtha mill-MDC ma hadtha minn imkien. Issa dan li gara, jien ridt naghmel investiment fil-makkinarju, ghandek id-dokumenti hemm, kont ser nixtri makkinarju wzat, mort l-Italja u rajtu u ghandi l-agreements hawn, kien jiswa Lm100,000 fl-1990 li kienu burden qawwi u kbir ghalija meta tipparagunah ma' dak li kienet tiswa din l-art li*

[19] Fol. 516 sa' 518 tal-process.
[20] Ittra ta' Oggezzjoni datata 26 ta' Jannar 2011, fol. 21 tal-process.
[21] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2012, fol. 65 sa' 69 tal-process.
[22] Xhieda moghtiaj waqt is-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2013, fol. 89 sa' 97 tal-process.
[23] Fol. 327 sa' 340 tal-process.

*ma tiswa xejn, issa minhabba din l-iskema li kien offra l-Gvern jien xtrajt makkinarju ha naghtik id-dokument hawn u li kien jiswa Lm140,000, jigifieri jien dhalt ghall-burden ta' Lm140,000 dak iz-zmien fuq spalti minhabba din. Issa jigu dawn wara dawn is-snin kollha u jigi jghidli li dik ma kenitx valida ghax bieghejt garaxx ta' karozza, jigifieri ghax ghamilt kuntratt ta' garaxx jien gejt trader tal-proprjetà. Tista' tiggudikani hekk lili, kif jista' jkun dan wara dawn is-snin kollha. Jiena dak iz-zmien cahhadt il-familja tieghi minn kull kapricc biex investejthom fil-makkinarju, imbaghad tigi wara u tghidli li ma kontx eligibli ghax bieghejt garaxx ta' karozza jien, minn art li kont xtrajt biex ninnegozja minnha, it-transfers tal-proprjetà hekk ikunu. It-traders tal-proprjetà jbieghu l-proprjetà kuljum u jispekolaw fuq il-konvenji u dawn l-affarijiet. … din l-art jien zviluppajtha biex tkun tista' tinbiegh ghax din kienet ghalqa. Minn hemm biss stajt indahhal il-flus biex illum ghandi fabbrika ta' erbghin tomna jien, tiswa hafna flus u xtrajtha b'hafna kuntratti minghand dak u l-iehor biex nopera jien, u ghadni nopera sa' illum.*

Mill-accounts tas-socjetà Rikorrenti esebiti minn George Borg, rapprezentant tad-Direttur Generali (Taxxi Interni), waqt is-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2013[24], jirrizulta li fil-Balance Sheets taghha s-socjetà Rikorrenti dejjem iddikjarat u indikat il-proprjetà immobiljari taghha, inkluza l-art f'Tal-Mejtar, bhala *current assets* li jfisser li din kienet proprjetà immobiljari intiza *for re-sale*. Rinfaccjat b'dan il-fatt Godwin Falzon ippruva jiggustifika tali entrati fl-accounts tas-socjetà Rikorrenti bl-affermazzjoni li dawn saru hekk minhabba l-ISS li skontu huma *regulation standards issetjati mill-accountants u meta jkollna xi art li mhux qed jahdmu minnha u lanqas qed iddahlu kera, ahna ghalina dik hija art li mhux ghal investiment, allura rridu niddistingwuha fil-balance sheet bejn investment property li hija dik il-proprjetà fejn il-kumpanija qed taghmel l-operazzjonijiet taghha u proprjetà ohra li l-kumpanija mhux qed taghmel l-operazzjonijiet taghha minnha rridju ndahhluha property for re-sale. Ma tfissirx li dik il-proprjetà hemm xi inizzjattiva biex tinbiegh, semplicement biex tiddistingwuha jekk xi darba ifettilhom ibeighu, jigi sidha jghid din irridha u jithajjru jbieghu dawn ikunu jistghu jbieghu, semplicement ghalhekk. Just biex insegwu r-regolamenti bhala l-accounting standards*[25]. Mistqosi dwar l-entrati fl-accounts tas-socjetà Rikorrenti u b'mod partikolari mistoqsi *meta int fl-1993 ittrasferejt mill-current assets ghal fixed assets, int hemm esprimejt l-intendiment li dik il-proprjetà kont ser izzomha ghalik u mhux bi hsiebek tinnegozja. Mela allura, jekk int il-proprjetajiet l-ohra ma kontx bi hsiebek tinnegozjhom ghax ma ttrasferjetx kollox ghal fixed assets u mhux dik biss…?* Mario Agius wiegeb *jiena l-accounts nifhem sa' fejn nifhem fihom, ma tantx nifhem fihom kif jaghmilhom l-awditur. Jiena li nista' nghid hu l-fatti kif inhuma, hemm hafna minnhom ghadhom sa' llum u dik nista' nfehmek, issa kif inhu fixed assets u current assets ma nafx. Jien ghedtlek ezatt l-istampa, issa tridni nfehmek ghidli u nerga' nfehmek, imma daqshekk nista' nghidlek*[26].

Wara li kkonsidra l-provi prodotti u l-fatti rizultanti minnhom, it-Tribunal ma jistax jonqas milli josserva n-nuqqas ta' konsistenza bejn:

- Dak li jirrizulta mill-kotba tas-socjetà Rikorrenti u dak affermat minn Godwin Falzon, fejn ghad illi fil-kotba tas-socjetà Rikorrenti l-proprjetà immobli li hija ghandha, inkluza l-art f' Tal-Mejtar, dejjem giet dikjarata taht il-*current assets* u b'hekk bhala *property for re-sale* l-imsemmi xhudipprova jargumenta li dan ma kienx minnu. In verità l-

[24] Fol. 139 sa' 313 tal-process.
[25] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2012, fol. 65 sa' 69 tal-process.
[26] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2013, fol. 327 sa' 340 tal-process.

gustifikazzjoni li pprova jaghti Godwin Falzon a bazi ta' l-ISS Standards ma hijiex sostenibbli in kwantu entrata fil-kotba ta' socjetà kummercjali (jew ta' kwalunkwe kummercjant jekk nigu ghal hekk) ghandha tigi interpretata bl-istess mod *across the board* u ma ghandhiex tigi interpretata b'modi differenti skond kif l-iktar li jaqbel lil dik is-socjetà. Ghalhekk, ghall-finijiet fiskali w anke ghall-finijiet tal-proceduri in ezami, l-entrata fil-kotba tas-socjetà Rikorrenti dwar il-proprjetà immobbli, inkluza l-art f'Tal-Mejtar, bhala *current assets* u quindi bhala *property for re-sale*, ghandha tigi interpretata bhala li l-proprjetajiet in kwistjoni, inkluza l-art f'Tal-Mejtar, kienu intizi *for re-sale purposes* ;

- Dak li jirrizulta mill-ittra ta' oggezzjoni datata 26 ta' Jannar 2011 u x-xhieda ta' Mario Agius, fejn fl-ittra inghad b'mod car li l-proprjetà immobbli tas-socjetà Rikorrenti dejjem giet ghandha bhala pagament minghand id-debituri taghha filwaqt li Mario Agius iddikjara li s-socjetà Rikorrenti rceviet hlas permezz ta' proprjetà darba wahda biss u dan minghand Carmelo Penza filwaqt li l-proprjetajiet l-ohra li hija kellha gew ghandha permezz ta' diversi akkwisti; u
- Dak li jirrizulta mill-permessi ghall-izvilupp mahruga mill-Awtorità kompetenti u dak affermat minn Mario Agius fir-rigward ta' l-art f' Tal-Mejtar. Filwaqt li Mario Agius ta l-impressjoni li wara li giet akkwistata din l-art, minhabba l-fatt li f'dik iz-zona kien ser jinbena l-By-Pass ta' Haz-Zebbug is-socjetà Rikorrenti pratikament giet kostretta tittrasferiha jew ta' l-inqas tizviluppaha w imbaghad tittrasferixxi dak zviluppat biex tixtri art ohra minn fejn setghet tistabilixxi il-fabbrika taghha, mill-permessi esebiti jirrizulta li s-socjetà Rikorrenti kienet già fl-1990 - u b'hekk qabel ma akkwistat l-art u qabel ma saret taf bil-bini tal-By Pass, liema avvenimenti skont Mario Agius sehhew risepttivament fl-1991 u fl-1992 - applikat ghall-hrug ta' permessi ghall-izvilupp ta' *privati dwellings* u *garages*.

Dawn l-inkonsistenzi kollha juru bic-car li kuntrarjament ghal dak issa pretiz mis-socjetà Rikorrenti, l-art f' Tal-Mejtar minn dejjem kienet intiza ghall-bejgh, ossia bhala *property fo re-sale*. Fattur iehor li juri bic-car li din kienet l-intenzjoni tas-socjetà Rikorrenti huwa dak li ghad illi Mario Agius iddikjara li fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom kellu bzonn jbiegh din l-art biex b'hekk jiggenera fondi ghal akkwist ta' art ohra iktar idoneja, is-socjetà Rikorrenti ghaddiet biex tusufruwixxi mill-potenzjal shih li setghet taghtiha dik l-art u minflok ma bieghet l-istess bhala art, ghaddiet biex tizviluppaha w in segwitu tbiegh fuq medda ta' snin l-izvilupp minnha esegwit b'dana ghalhekk li tohloq iktar qligh ghliha.
Fir-rigward ta' kif ghandhom jigu interpretati l-fatti centrali tal-kaz in ezami ssir referenza ghall-principji guridici enuncjati mill-Bord ta' Kummissarji Specjali u mill-Qorti ta' l-Appell, sija dik Superjuri kif ukoll Inferjuri, f'sentenzi moghtija dwar kazijiet simili ghal dak odjern.

Jibda biex jigi osservat li fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Nutar Vincent Gatt LL.D. fil-kwalità tieghu ta' Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza mill-Bord ta' Kummissarji Specjali fit-28 ta' Lulju 1954 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Jannar 1955[27], fejn gie trattat kaz ta' negozjant tal-hwejjeg bl-ingrossa u bl-imnut li fuq medda ta' snin kien biegh diversi proprjetajiet immobbli, il-Bord ta' Kummissarji Specjali osserva li *l-appellant* ***huwa negozjant, u meta jsir xiri minn xi negozjant, il-presunzjoni hija li x-xiri sar ghall-fini tal-kummerc u jinkombi lin-negozjant li jaghmel il-prova kuntrarja***[28]. *"Quando la compera di derrate o merce sia stata effettuata da un commerciante spetta in ogni caso al commerciante di distruggere la presunzione provando il contrario". Pipia, Diritto Commerciale Vol. 1, para. 107, principju inkorporat*

[27] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 1 pg. 68.
[28] Enfasi tat-Tribunal.

*fil-ligi positiva (Art. 7, Kod. tal-Kummerc, Kap.17*[29]*). Fil-fehma tal-Bord din il-prova ma saritx.* ***Veru li n-negozju principali ta' l-appellant ma kienx fil-bini, però huwa maghruf li mhemmx bzonn ghall-fini ta' l-ispekulazzjoni li in-negozju jkun ristrett ghal certi kategoriji ta' beni***[30]*. "Il Commerciante può porre in essere atti disparati eterogenei di commercio, come gli si prestano, per non lasciarsi sfuggire l'occasione di guadagni; nella quale ipotesi si avrà egualmente quell' esercizio che è base dello stato di commerciante, ed i diversi atti saranno soggetti alle norme giuridiche proprio degli atti di commercio" (Pipia, Op. Ci. para. 159).*

Dawn l-istess principji gew imtennija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell Nru. 2/03** deciza fit-28 ta' April 2004.

Mill-principji guridici hawn appena citati jirrizulta ghalhekk li hemm il-prezunzjoni *iuris tantum* li meta kummercjant jew socjetà kummercjali taghmel xiri dak ix-xiri jitqies li sar ghall-fini ta' kummerc. Il-prova kuntrarja tispetta unikament u eslussivament lill-kummercjant/socjetà kummercjali, ossia lis-socjetà Rikorrenti f'dan il-kaz. It-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjetà Rikorrenti ma rnexxilhiex tipporva b'mod sodisfacenti li l-akkwist ta' l-art f'Tal-Mejtar ma sarx ghal skop kummercjali, ossia sabiex b'din l-art isir negozju li jirrendi profitt, anzi kif già iktar 'l fuq osservat il-provi prodotti - jew ahjar id-diversi inkonsistenzi li rrizultaw fit-tezi tas-socjetà Rikorrenti mill-provi prodotti - juru bic-car li l-iskop ghall-akkwist ta' l-imsemmija art kien proprio dak kummercjali.

Anke jekk it-Tribunal kellu jqis li l-art f' Tal-Mejtar giet originarjament akkwistata bl-iskop li s-socjetà Rikorrenti tistabilixxi l-fabbrika taghha hemm u anke jekk kellu jaccetta li dan l-iskop sfaxxa fix-xejn minhabba l-bini tal-By-Pass ta' Haz-Zebbug f'dik l-istess zona u s-socjetà Rikorrenti kellha tara x'se taghmel b'dik l-art biex tiggenera fondi ghall-akkwist ta' art f'post/lokalità iktar idoneja ghan-natura industrijali tan-negozju taghha ta' skavar u tqattiegh ta' blat, xorta jibqa' l-fatt li it-trasferimenti esegwiti mis-socjetà Rikorrenti tul is-snin u b'hekk anke tul is-sena bazi 1997 ma jistghux jitqiesu ghajr li kienu atti kummercjali u b'hekk taw lok ghal linja ta' negozju iehor ghas-socjetà Rikorrenti f'dak il-perijodu u tul dik is-sena bazi.

Din l-osservazzjoni tat-Tribunal issib konferma f'dak osservat mill-Bord ta' Kummissarji Specjali fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni,** deciza fil-15 ta' Dicembru 2004 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza pronuncjata fil-19 ta' Ottubru 2005: *jekk oggett jigi akkwistat ghall-uzu u tgawdija, il-qligh realizzat mill-bejgh tieghu jigi kkunsidrat bhala qligh kapitali (vide Fiott, Notes on Tax on Capital Gains" Aug. 1993, p 5). U l-istess hija s-sitwazzjoni meta asset jigi akkwistat ghal ghan ta' investiment.* ***Izda Fiott izid ukoll*** *(ibid para 2.8)* ***li persuna li takkwista xi haga li tista' biss tuzaha b'mod profittevoli billi terga tbiegha, dik il-persuna tigi prezunta li, jekk imbaghad, fattwalment isir tali bejgh, hi allura tkun kienet akkwistata biex terga' tbieghha u l-qligh ikun fil-fatt trading income. Fi kliem iehor l-agir sussegwenti jispicca jbiddel u jiddetermina n-natura tal-motiv fl-akkwist originali***[31]**.** Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ziedet tosserva li *huwa elementari illi fil-ligi in generali, u dan forsi jghodd maggorment fil-kaz tal-ligijiet fiskali,* ***ix-xorta ta' negozju guridiku huwa determinanti ta' l-effetti u l-konsegwenzi tieghu. Haga li jekk issir b'certu***

[29] Artikolu 7 tal-Kodici tal-Kummerc, Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta.
[30] Enfasi tat-Tribunal.
[31] Enfasi tat-Tribunal.

***mod u taht certa forma jkollha certi konsegwenzi***[32]. *F'dan il-kaz, u mill-assjem tac-cirkostanzi l-ohra provati, din il-Qorti ma ghandha ebda ezitazzjoni li ssib illi n-negozju guridiku effettwat mill-appellent ma kienx sic et sempliciter ta' bejgh wiehed en bloc, kif jissottometti hu, izda pjuttost dak ta' negozju li minnu f'dak il-mument seta' jirrializza l-akbar qligh fruttiferu. Dan igib li l-oggett ta' l-akkwist bil-likwidzzjoni tas-socjetà precitata ma kienx dak ghall-uzu u tgawdija biex b'hekk forsi l-qligh seta' jigi konsiderat bhala qligh kapitali, izda ghall-ghan ta' trasferiment u spekulazzjoni.*

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet ghalhekk isegwi li thares minn fejn thares lejn it-trasferimenti esegwiti mis-socjetà Rikorrenti tul iz-zmien inkluz ghalhekk tul is-sena bazi 1997, dawn ma jistghux ghajr jitqiesu li kienu atti kummercjali li b'hekk taw lok ghal negozju iehor gestit mis-socjetà Rikorrenti oltre n-negozju ta' skavar/tqattiegh ta' blat, liema sitwazzjoni twassal biex dik is-socjetà ma tistax titqies li ghas-sena ta' stima 1998 kienet in konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Izvilupp ta' l-Industrija, 1988, u b'hekk ma tistax tibbenefika mill-incentivi u beneficcji previsti fl-imsemmi Att.

B'hekk jirrizulta li l-appell tas-socjetà tas-socjetà Rikorrenti mid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni u Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, mhux gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal kull buon fini jigi osservat li fir-Risposta tieghu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jitlob lit-Tribunal *jikkonsidra u jaccetta aggustament fl-ammont ta' taxxa likwidata ghas-sena ta' stima 1998 minn taxxa ta' Lm17,450 (€40,468) u taxxa addizzjonali ta' Lm1,745 (€4,065) ghal taxxa ta' Lm18,117 (€42,201) u taxxa addizzjonali ta' Lm1,812 (€4,221), kif spjegat ahjar f'Dok. KTI O*[33]. Nonostante tali talba però u minkejja l-esebizzjoni tad-dokument Dok. KTI I a fol. 27 tal-process li huma l-workings a bazi ta' liema nharget il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 u tad-dokument KTI O li huma l-workings a bazi ta' liema qed tintalab il-korrezzjoni, il-Kummissarju tat-Taxxi ma ressaq l-ebda prova jew spjegazzjoni akkurata li tiggustifika t-talba tieghu.

Fl-affidavit tieghu George Borg, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, ma semma assolutament xejn dwar tali diskrepanza u konsegwenti talba ghall-korrezzjoni. Kull ma jghid dwar diskrepanzi u korrezzjonijiet mehtiega huwa *nghid illi fid-29 ta' April 2011 id-Dipartiment hareg Likwidazzjoni Rifjut Numru 2723708 li fiha d-dhul taxxabbli kien ta' Lm49,858, it-taxxa dovuta kienet ta' Lm17,450 u t-taxxa addizzjonali dovuta minhabba li l-formola kienet giet mibghuta tard kienet ta' Lm1,745 - total ta' taxxa ta' Lm19,195 ( a fol. 29-30). Din il-Likwidazzjoni hi s-suggett ta' dan l-appell. ...* ***Nghid illi fl-istess Avviz ta' Rifjut, bi zball tal-pinna l-ammont ta' taxxa u taxxa addizzjonali dovuta giet indikata li kienet ta' €49,338 meta fil-fatt din kellha tkun ta' €44,712***. Meta xehed quddiem it-Tribunal waqt is-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2013[34], George Borg ma semma xejn fir-rigward u meta xehed in kontro-ezami waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2014[35], George Borg ma kienx f'posizzjoni jaghti spjegazzjoni ta' din id-diskrepanza, liema spejgazzjoni baqghet ma nghatatx lanqas fin-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi.

---

[32] Enfasi tat-Tribunal.
[33] Para. 32 tar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Intenri, fol. 9 tal-process.
[34] Fol. 322 sa' 326 tal-process.
[35] Fol. 474 sa' 479 tal-process.

B'hekk l-unika korrezzjoni li t-Tribunal jista' jaghmel hija dik fl-Avviz ta' Rifjut ta' Oggezzjoni fejn l-ammont indikat ta' €49,338 ghandu jigi korrett ghal €44,712 in kwantu s-somma ta' Lm19,195 indikata fil-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 hija ekwivalenti ghal €44,712.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tas-socjetà Rikorrenti mid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni u Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u, filwaqt li jikkorregi l-ammont indikat fid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni minn €49,338 ghal €44,712, mill-bqija jikkonferma l-istess decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni u jikkonferma l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 mahruga fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**